MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-10 ta' Mejju, 2019

Rikors Maħluf Numru 388/2017 LM

**Grace Falzon (K.I. numru 35765M) u wliedha Karl Falzon (K.I. numru 338587M), Kevin Falzon (K.I. numru 508988M), Kristian Falzon (K.I. numru 352990M), Marius Falzon (K.I. numru 410691M) u Jessica Falzon (K.I. numru 470297M)**

***vs.***

**Tlata Limited (C 16319)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fit-3 ta' Mejju, 2017 mill-attriċi **Grace Falzon** (K.I. 35765M), flimkien ma' wliedha **Karl Falzon** (K.I. 338587M), **Kevin Falzon** (K.I. 508988M), **Kristian Falzon** (K.I. 352990M), **Marius Falzon** (K.I. 410691M) u **Jessica Falzon** (K.I. 470297M), (minn issa 'l quddiem "l-atturi"), u maħluf minn Grace Falzon (K.I. 35765M), li jgħid kif ġej:

1. *Illi żewġha Carmel Falzon u missier l-istanti Karl, Kevin, Kristian, Marius u Jessica, tilef ħajtu fid-19 ta' Diċembru 2015 f'inċident traġiku li seħħ fuq il-lant tax-xogħol ġewwa l-barriera proprjetà tal-kumpannija Tlata Limited sitwata 'Hard Stone Quarry' numru 32, 15, Misraħ Suffara, limiti tar-Rabat;*

2. *Illi l-inċident seħħ unikament ħtija tas-soċjetà intimata minħabba li l-istess Carmel Falzon kien intbagħat jaħdem f'ambjent u ċirkostanzi ta' periklu ġewwa l-istess barriera mingħajr ma ttieħdu l-prekawzjonijiet neċessarji, mingħajr ma ġew evalwati r-riskji li kien hemm fil-post fejn ġie mibgħut jaħdem, u di più b'nuqqas tal-osservazzjoni tar-regolamenti tas-saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol;*

3. *Illi r-rikorrenti, sofrew danni skont il-Liġi kawża ta' dan l-inċident traġiku u dan kif ser jiġi ppruvat fil-kors tal-ġbir tal-provi f'din il-kawża;*

4. *Illi minkejja l-fatt li s-soċjetà intimata ġiet interpellata tersaq għal-likwidazzjoni tad-danni sofferti mir-rikorrenti, l-intimata baqgħet inadempjenti;*

*Għaldaqstant ir-rikorrenti, filwaqt li ġġib is-surriferiti fatti a konjizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, tgħid is-soċjetà intimata għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti:-*

1. *Tiddikjara s-soċjetà intimata unikament responsabbli għall-inċident li seħħ fid-19 ta' Diċembru 2015 ġewwa l-barriera proprjetà tagħha sitwata 'Hard Stone Quarry' numru 32, 15, Misraħ Suffara, limiti tar-Rabat u li fih tilef ħajtu Carmel Falzon;*

2. *Tillikwida d-danni kollha sofferti mir-rikorrenti, riżultat ta' dan l-inċident u dan okkorrendo bin-nomina ta' periti nominati għal dan l-iskop kemm-il darba jkun il-każ; u*

3. *Tikkundanna lis-soċjetà intimata tħallas lir-rikorrent id-danni hekk likwidati fi żmien qasir u perentorju.*

*Bl-imgħax u spejjeż legali, inkluż dawk tal-ittra uffiċjali numru 977/17 ippreżentata preċedentement kontra s-soċjetà intimata li minn issa hija inġunta għas-subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Maħlufa ta' **Tlata Limited** (C 16319), (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà konvenuta"), ippreżentata fit-30 ta' Mejju, 2017, u maħlufa minn Paul Falzon (K.I. numru 422060M), fejn ġie eċċepit:

1. *Illi s-soċjetà esponenti tiċħad li għandha responsabbilità għall-akkadut;*

2. *Illi dak in-nhar tal-inċident Carmel Falzon kien qiegħed fuq il-lant tax-xogħol f'barriera f'Misraħ Suffara limiti tar-Rabat fuq inkarigu tas-soċjetà esponenti u għalkemm is-soċjetà ddispjaċiha ħafna għall-akkadut, hija ssostni illi l-inċident ma seħħx minħabba xi responsabbilità jew ħtija tas-soċjetà esponenti;*

3. *Konsegwentement it-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż.*

4. *Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-1 ta' Marzu, 2019 fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

**Il-kwistjoni bejn il-partijiet**

Din il-kawża għad-danni segwiet inċident fatali fuq il-post tax-xogħol meta l-vittma, li jiġi r-raġel u missier l-atturi, tilef ħajtu waqt li kien qiegħed jopera *excavator* u għal xi raġuni waqa' bih b'kollox f'ġiebja fil-barriera tas-soċjetà konvenuta, u tilef ħajtu konsegwenza tal-fatt li kien miet imgħarraq u fgat. Is-

soċjetà konvenuta kkontestat ir-responsabbilità tagħha għall-inċident mertu tal-kawża.

## Provi u riżultanzi

Flimkien mar-rikors promutur tagħhom, l-atturi ppreżentaw kopja ta' ittra uffiċjali[1] li kienet inbagħtet lis-soċjetà konvenuta fid-9 ta' Marzu, 2017, fejn din ġiet interpellata tgħaddi għal-likwidazzjoni u ħlas tad-danni sofferti minnhom wara l-mewt ta' Carmelo Falzon li miet mgħarraq u fgat meta waqa' f'għadira ilma u tajn waqt li kien qiegħed jopera gaffa f'barriera proprjetà tal-istess soċjetà konvenuta.

L-attriċi **Grace Falzon**[2], mart il-vittma, fl-*affidavit* tagħha qalet li l-inċident li fih tilef ħajtu żewġha seħħ fuq il-lant tax-xogħol tiegħu, u meta miet huwa kellu tlieta u ħamsin (53) sena. Qalet li huma kienu ilhom miżżewġin tletin sena u li minn dan iż-żwieġ huma kellhom ħamest itfal. Żiedet tgħid li wara l-mewt ta' żewġha hija kellha tiffaċċja diffikultajiet finanzjarji, speċjalment biex tkompli trabbi l-familja waħedha. Hi qalet li l-inċident li fih tilef ħajtu żewġha seħħ f'barriera li hija proprjetà ta' wieħed minn ħutu, u r-raġel tagħha kien ilu jaħdem hemmhekk madwar sena, għalkemm żiedet tgħid li fil-passat hu ġieli għamel xogħol f'din l-istess barriera. Ix-xhud ikkonkludiet billi qalet li r-raġel tagħha kien jaqla' madwar elf u mitt Euro (€1,100) fix-xahar, bir-riżultat li wara mewtu żdied ħafna l-piż finanzjarju fuq il-familja tiegħu.

---

[1] *A fol.* 6 tal-proċess.
[2] *A fol.* 17 tal-proċess.

Iben il-vittma, **Karl Falzon**[3], fl-*affidavit* tiegħu qal li missieru kien jaħdem għal rasu, għalkemm xi żmien qabel seħħ l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri kien mar jaħdem fil-barriera ma' ħuh. Ix-xhud qal li hu ġieli wassal lil missieru l-barriera, iżda qabel seħħ l-inċident qatt ma kien daħal ġewwa. Kompla jgħid li dakinhar li seħħ l-inċident li kien involut fih missieru, hu kien ġie infurmat minn wieħed minn ħutu li kienet ġrat xi ħaġa l-barriera u li x'aktarx li missierhom kien tilef ħajtu. Ix-xhud esebixxa kopja ta' filmati mxandra mill-kmamar tal-aħbarijiet li rrappurtaw il-ħidma ta' salvataġġ li kellha ssir biex missieru jinħareġ mill-barriera wara li spiċċa maqbud fit-tajn fil-gaffa li kien qiegħed jaħdem biha. Ix-xhud qal li xi jiem wara l-inċident hu kien niżel fil-barriera fejn tilef ħajtu missieru flimkien ma' zijuh, li jiġi d-direttur tas-soċjetà konvenuta. Żied jgħid li ma kienx jaf missieru kemm kellu paga, għalkemm qal li jaf li kien jagħmel ħafna *overtime,* tant li l-inċident inkwistjoni seħħ fil-jum tas-Sibt waqt li l-vittma kien qiegħed jaħdem bis-sahra.

L-attur **Kevin Falzon**, tifel ieħor tal-vittma, fl-*affidavit* tiegħu[4] qal li missieru dejjem ħadem fil-kostruzzjoni, kemm bħala impjegat kif ukoll għal rasu, u hu dejjem jiftakar lil missieru bl-inġenji. Dan ix-xhud qal li huwa kien viċin ħafna ta' missieru, tant li diversi drabi kien hu li jwasslu u jerġa' jmur għalih ix-xogħol. Qal li fiż-żmien tal-inċident missieru kien jaħdem fil-barriera ma' ħuh, u xogħlu kien jinvolvi parti mill-proċess tat-tqattigħ ta' ramel fin, li hu xogħol li jinvolvi ħidma f'ambjent perikoluż. Qal li x-xogħol ħafna drabi kien isir b'inġenji li jeħlu fit-tajn u jridu jgħaddu minn passaġġi dojoq mibnija fuq ir-ramel u ż-żrar. Dan ix-xhud qal li hu sar jaf bl-inċident mingħand wieħed minn ħutu, u missieru kien miet fgat fiċ-ċamura wara li għelbet il-gaffa li kien

[3] *A fol.* 18 tal-proċess.
[4] *A fol.* 19 tal-proċess.

qiegħed jaħdem biha. Ix-xhud qal li biex għelbet il-gaffa dakinhar, ta' bilfors li ċediet l-art, u żied jgħid li l-kundizzjonijiet ġewwa l-barriera minħabba x-xita, ir-ramel u t-tajn m'għenux.

L-attur **Kristian Falzon**, ieħor minn ulied il-vittma, fl-*affidavit* tiegħu[5] qal li minkejja li huwa wkoll jaħdem fil-kostruzzjoni, qatt ma ħadem ma' missieru. Żied jgħid li fiż-żmien li fih seħħ l-inċident, missieru kien jaħdem fil-barriera ta' ħuh Pawlu, li hu d-direttur ta' Tlata Limited. Dan ix-xhud qal li hu ġie infurmat minn wieħed minn ħutu li missierhom kien weġġa' fil-barriera u li x'aktarx li kien tilef ħajtu. Qal li xi jiem wara l-inċident hu kien mar ma' ħuh sabiex jieħu l-karozza ta' missierhom li kienet baqgħet ipparkjata barra l-barriera, u xi ġranet wara zijuh kien niżżilhom fil-parti tal-barriera fejn tilef ħajtu missierhom.

L-attur **Marius Falzon**, ir-raba' wild tal-vittma u li wkoll jaħdem fil-kostruzzjoni, fl-*affidavit* tiegħu[6] spjega l-proċess li kien qiegħed jaħdem fuqu missieru meta kellu l-inċident. Dan ix-xhud qal li lil missieru dejjem jiftakru jaħdem fil-qasam tal-kostruzzjoni, u fiż-żmien li fih seħħ l-inċident missieru kien jaħdem ma' ħuh Pawlu, f'barriera proprjetà ta' Tlata Limited. Spjega li l-proċess li kien qiegħed jaħdem missieru fuqu dakinhar tal-inċident kien magħruf bħala 'ħasil tar-ramel', fejn jiġi mgħarbel ir-ramel fl-ilma sabiex jinħasel, titneħħa l-għabra minnu u jogħla l-*grading* tar-ramel. Qal li missieru kien jaf dan ix-xogħol tajjeb ħafna. Żied jgħid li l-vaska li missieru kien qiegħed jaħsel ir-ramel fiha kienet mibnija fir-ramel stess, u l-inċident seħħ meta missieru beda jniżżel ir-ramel fil-vaska biex jaħslu, itellgħu u jitfgħu fuq it-trakk minn fejn kien jittieħed biex jinxef qabel ma jittieħed fis-sit ta' kostruzzjoni

[5] *A fol.* 20 tal-proċess.
[6] *A fol.* 21 tal-proċess.

sabiex ikun jista' jintuża. Qal li dan ix-xogħol jinvolvi ħafna paċenzja, u żied jgħid li missieru kien bniedem kalm u kapaċi f'xogħlu. Kompla jgħid li dakinhar li seħħ l-inċident, it-temp kien wieħed xemxi, iżda lejlet kienet għamlet ħafna xita. Ix-xhud qal li biex seħħ l-inċident, bilfors li ċediet parti ta' taħt l-iskavatur li kien qiegħed jaħdem bih missieru, tant li dan spiċċa biex inqaleb. Ix-xhud qal li mill-filmati li ntwerew fuq it-televiżjoni fil-ġranet ta' wara l-inċident, kif ukoll minn dak li seta' jikkonstata hu meta niżel fil-barriera xi jiem wara l-inċident, hu kien innota li l-vaska li kien qiegħed jaħdem fiha missieru ma kellhiex blokok tal-konkrit imadwra magħha bħala lqugħ u protezzjoni u b'hekk l-iskavatur li kien qiegħed jaħdem bih missieru sab l-art ratba taħtu minħabba fix-xita li niżlet xi jiem qabel, bir-riżultat li ċediet l-art u u missieru nqaleb rasu 'l isfel waqt li kien għadu fil-kabina. Dan ix-xhud qal ukoll li meta seħħ l-inċident, missieru kien qiegħed jaħdem waħdu, u min kien induna bl-inċident kien ipprova jtella' l-*hymac* ta' missieru permezz ta' *hymac* ieħor. Qal ukoll li kien sar tentattiv biex jitħaffer kanal fir-ramel sabiex l-ilma jkun jista' jiskula u missieru jiġi salvat, iżda kien kollu ta' xejn. Ix-xhud qal li hu sar jaf li kien seħħ inċident f'barriera fil-limiti tar-Rabat mill-aħbarijiet, u meta sema' dan, kien ċempel lil kuġinuh, li jiġi iben id-direttur tas-soċjetà konvenuta, li kien qallu li missieru kien weġġa' xi ftit. Qal li meta mar fil-barriera, diġà kien hemm il-*hearse* tal-Pulizija u kien f'dak il-punt li hu induna li missieru kien miet.

**Jessica Falzon**, bint il-vittma, fl-*affidavit* tagħha[7] qalet li hi saret taf li missierha weġġa' fil-barriera wara li ċemplitilha ommha, u waqt li kienet fi triqitha lejn l-Isptar kien ċemplilha ħuha li qalilha li missierhom kien miet. Żiedet tgħid li hi ftit tiftakar dettalji dwar dakinhar minħabba fix-xokk li kienet ħadet.

[7] *A fol.* 22 tal-proċess

Fl-udjenza tas-16 ta' Ottubru, 2017 xehed l-**Ispettur Robert Vella**[8], li fiż-żmien li fih seħħ l-inċident kien stazzjonat l-Għassa tal-Pulizija tar-Rabat. Dan ix-xhud qal li ma kienx hu li mexxa l-investigazzjoni dwar dan l-inċident, u żied jgħid li wara l-inċident kienet saret inkjesta maġisterjali u kienu inħarġu akkużi kriminali kontra Paul Falzon. Ix-xhud esebixxa kopja tar-rapport tal-Pulizija[9], minn fejn jirriżulta li kien Paul Falzon li ċempel għall-għajnuna wara li seħħ l-inċident, u mill-ewwel investigazzjonijiet irriżulta li l-vittma kien qiegħed iħammel iċ-ċamura bl-iskavatur minn ġol-ġiebja u jitfagħha fuq it-trakk, meta għal xi raġuni l-iskavatur għeleb u waqa' fil-ġiebja, bil-vittma maqbud fil-kabina tal-iskavatur. Jirriżulta li minbarra assistenza medika, fuq il-post issejħu membri mit-Taqsima tal-Protezzjoni Ċivili, iżda kien ħu l-vittma, Paul Falzon, li qabad gaffa oħra li kien hemm fuq is-sit u beda jneħħi t-terrapien li kien hemm imdawwar mal-ġiebja sabiex jibda jiskula l-ilma u jkun iffaċilitat l-aċċess għall-vittma. Ix-xhud ippreżenta wkoll kopja tal-inkjesta maġisterjali li saret[10], minn fejn jirriżulta li l-vittma, Carmel Falzon miet meta faga fiċ-ċamura[11], u kopja tal-akkużi li nħarġu fil-konfront tal-konvenut Paul Falzon.[12] Mill-atti tal-inkjesta jirriżulta li ma kien hemm l-ebda sinjal li l-art ċediet bit-toqol tal-inġenji li kienu qegħdin jintużaw fuqha dak il-ħin, għalkemm ġie kkonstatat ukoll li fuq l-art ma kien hemm l-ebda ilqugħ jew sinjali ta' protezzjoni. Ġie kkonstatat ukoll li meta Paul Falzon ġie mistoqsi dwar miżuri ta' saħħa u sigurtà, dan irrifjuta li jwieġeb. Il-konklużjoni tal-inkjesta maġisterjali kienet li bħala direttur, Paul Falzon kellu diversi nuqqasijiet fir-rigward tal-osservanza tar-regolamenti li jirregolaw is-saħħa u s-sigurtà fil-barriera.

[8] *A fol.* 33 tal-proċess.
[9] *A fol.* 35 tal-proċess.
[10] *A fol.* 39 tal-proċess
[11] *"The death of this middle aged man is certified as being due to asphyxia caused by being trapped in the mud."*
[12] *A fol.* 45 tal-proċess.

L-atturi, permezz ta' nota, ppreżentaw kopja ta' filmat li juri l-post fejn seħħ l-inċident[13], kif ukoll kopja ta' *timesheet* li tindika l-paga li kellu Carmel Falzon.[14]

Fl-udjenza tal-21 ta' Frar, 2018 xehed il-**PS 621 Christian Vassallo**[15], li qal li dakinhar li seħħ l-inċident fid-19 ta' Diċembru, 2015, huwa kien stazzjonat l-Għassa tar-Rabat bħala xufier, u xogħlu kien li jwassal lid-diversi uffiċjali li ħadu sehem fl-investigazzjoni fuq il-post minħabba li dan kien jinsab fl-imwarrab. Qal li mill-parti ta' fuq tal-barriera hu seta' jara gaffa mgħerrqa fit-tajn u l-ħama wara li din inqalbet fuq in-naħa tal-lemin tagħha. Dan ix-xhud qal li r-rapport tal-Pulizija tħejja mill-WPS 313 Christine Bonnici, u esebixxa kopja tiegħu.[16]

Fl-istess udjenza xehed **Charles Micallef**, prinċipal mal-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol[17], li qal li xogħlu hu li jinvestiga inċidenti li jkunu saru fuq il-post tax-xogħol. Ix-xhud spjega li dakinhar li seħħ l-inċident li fih tilef ħajtu Carmel Falzon, hu kien *duty officer* meta għall-ħabta tal-erbgħa u nofs ta' waranofsinhar irċieva telefonata mill-Għassa tar-Rabat fejn ġie infurmat li kien hemm inċident fatali f'barriera fil-limiti ta' Santa Katerina tad-Daħla. Qal li hu kien mar fuq il-post fejn kellem lil ħu l-vittma, li hu d-direttur tal-barriera, Paul Falzon, u seta' jikkonstata li fuq il-post tal-inċident kien hemm gaffa maqluba wiċċha 'l isfel fil-*quick sand*. Qal li Carmelo Falzon kien qiegħed jaħdem bil-gaffa, jneħħi r-ramel mill-ilma u jtellgħu fit-trakk sabiex dan jittieħed f'post fejn ikun jista' jitnixxef. Qal li l-proċess jinvolvi li ż-żrar jinsaħaq u fuqu tintefa' kwantità ta' ilma sabiex dan jiġi separat. Ix-xhud

[13] *A fol.* 48 tal-proċess.
[14] *A fol.* 49 u 50 tal-proċess.
[15] *A fol.* 61A tal-proċess.
[16] *A fol.* 62 tal-proċess.
[17] *A fol.* 65A tal-proċess.

spjega li l-għadira hija meħtieġa bħala parti mill-proċess tax-xogħol li kien qiegħed isir mill-vittma. Qal li għal xi raġuni l-gaffa għelbet u waqgħet wiċċha 'l isfel. Qal li hu seta' jara li ma kienx hemm ilqugħ biex jekk gaffa tinstaq b'lura din ikollha protezzjoni, u qal li ma kienx hemm *a safe system of work* imħaddma fil-barriera.[18] Ix-xhud qal li wara li tkellem ma' Paul Falzon dan kien qallu li ma kellux *risk assessment* tal-barriera. Żied jgħid li f'din il-barriera kien hemm seba' impjegati, u għalhekk bis-saħħa tal-Avviż Legali 36 tal-2003, min qiegħed iħaddem kellu l-obbligu bil-liġi li jagħmel dan ir-*risk assessment.* Ix-xhud qal li ksur tar-regoli tas-saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol jammonta għal reat kriminali, u l-Awtorità għandha l-poter li tressaq rapporti għall-investigazzjoni kriminali. Ix-xhud ippreżenta kopja tar-rapport imħejji minnu wara li aċċeda fuq is-sit fejn seħħ l-inċident mertu ta' din il-kawża[19], fejn ġew ikkonfermati dawn is-sejbiet:

- *"No risk assessment despite Mr Falzon employing 7 employees;*
- *No physical barrier that prevents someone from driving right to the edge, leading to an unsafe system of work;*
- *No health and safety document as stipulated in L.N. 379/2003 Art. 5."*

Fl-udjenza tat-23 ta' Marzu, 2018 xehed il-**P.L. Mario Buttigieg**[20], li kien tqabbad mill-Maġistrat li mexxiet l-inkjesta sabiex jirrelata dwar dan l-inċident. Ix-xhud qal li meta mar fuq il-post kien irriżultalu li l-uniċi żewġ persuni li kienu qegħdin jaħdmu f'din il-barriera kienu Paul Falzon, li kien qiegħed jagħmel xi xogħol fl-uffiċċji tas-soċjetà konvenuta, u ħuh Carmel, li

18 Fi kliem ix-xhud, "Jiġifieri bħala *health and safety* li bil-liġi mintix ħa ssib din il-biċċa xogħol. Hawnhekk toħroġ *safe system of work* dwar is-sistema sigura ta' xogħol jiġifieri fejn wieħed irid jagħmel forma ta' *barrier* biex ... issa, *barrier* jista' jkunu ġebel kbar jiġifieri tal-istess ta' din il-barriera. M'hemmx bżonn ta' xi ħaġa ... jekk aċċidentalment jibqa' ġej lura iktar milli suppost għal xi raġuni jew oħra, din iżżommu. Isservi forma ta' lqugħ."
19 *A fol.* 66 tal-proċess.
20 *A fol.* 80A tal-proċess.

kien qiegħed jagħmel xogħol bl-*excavator* fejn kien qiegħed ineħħi ċ-ċamura mill-ġiebja u wara jpoġġiha fit-trakk. Qal li f'mument minnhom Carmel Falzon kien waqa' lura bl-*excavator,* u ġie la ġenba fil-ġiebja. Ix-xhud żied jgħid li t-triq fil-barriera inkluż minn fejn wieħed irid jgħaddi sabiex jaċċedi għall-post fejn seħħ l-inċident, kienet waħda mserrpa, bl-art imxarrba u imballta. Ix-xhud qal li l-*excavator* waqa' f'din il-ġiebja li kienet mgħottija, u kien sar sforz biex jitkisser il-ħajt sabiex il-livell tal-ilma fil-ġiebja beda jinżel. Qal li meta aċċeda fuq is-sit irriżultalu li l-ħajt kien diġà nfaqa' u li kien diġà tneħħa ammont ta' ilma mill-ġiebja, tant li anki l-vittma kien inħareġ mill-gaffa u tpoġġa mal-art mgħotti, minħabba li sfortunatament dan kien diġà tilef ħajtu. Ix-xhud qal li sa fejn seta' jikkonstata hu, l-art fejn kien l-*excavator* ma kinitx ċediet. Ix-xhud ippreżenta kopja tar-relazzjoni mħejjija minnu.[21]

Fl-udjenza tat-23 ta' Marzu, 2018, xehed **PS 1392 Kevin Buhagiar**[22], li qal li dak iż-żmien meta seħħ l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri hu kien jaħdem fit-Taqsima tal-Forensika u kien ġie nominat bħala espert tax-xena tar-reat mill-Maġistrat Audrey Demicoli. Ix-xhud esebixxa r-ritratti li ħa fuq is-sit meta aċċeda fuq il-post għall-ħaba tal-ħamsa ta' waranofsinhar, dakinhar tad-19 ta' Diċembru, 2015. Ix-xhud spjega li kif jidher mir-ritratti esebiti, it-trakk li kien fih il-vittma ma kienx għereq kollu.[23]

Fl-udjenza tal-24 ta' April, 2018 xehed **Paul Falzon** in rappreżentanza tas-soċjetà konvenuta[24], li ppreżenta dokument maħruġ minn JobsPlus[25] li jindika li l-vittma ta' dan l-inċident kien impjegat mas-soċjetà konvenuta b'kuntratt

[21] *A fol.* 81 *et seq.* tal-proċess.
[22] *A fol.* 90 tal-proċess.
[23] Ritratti esebiti *a fol.* 96 *et seq* tal-proċess.
[24] *A fol.* 113 tal-proċess.
[25] *A fol.* 117 tal-proċess.

indefinit bħala *truck and heavy machinery driver and quarry worker.*[26] Ix-xhud ippreżenta wkoll kopji tal-FS3s tal-vittma.[27] Ix-xhud ikkonferma li l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri seħħ fil-ġurnata tas-Sibt, waqt li l-vittma kien qiegħed jagħmel l-*overtime.*

Fl-udjenza tat-23 ta' Mejju, 2018 xehdet **Chantelle Gauci**[28], in rappreżentanza tas-soċjetà konvenuta, li esebiet kopji ta' dokumenti fir-rigward ta' ħlasijiet tat-taxxa u dikjarazzjonijiet tad-dħul tal-impjegati tas-soċjetà konvenuta.[29]

Fl-udjenza tal-10 ta' Ottubru, 2018 xehed l-ex uffiċjal tal-Pulizija **Robert Said Sarreo**[30] li kien mar fuq is-sit ftit tal-mumenti wara li seħħ l-inċident. Qal li meta wasal fuq il-post kien osserva li f'nofs il-barriera kien hemm ġiebja bl-ilma b'*excavator* maqlub fiha. Żied jgħid li bil-każ ġiet infurmata l-Maġistrat tal-Għassa li għamlet inkjesta. Qal li biex wieħed jaċċedi għall-barriera kellu jinżel minn rampa u li l-ġiebja ma kinitx iċċirkondata minn ġebel protettiv. Ix-xhud żied jgħid li meta hu wasal fuq is-sit, l-*excavator* kienet għadha wiċċha 'l isfel, u kien tħaffer spazju b'*excavator* ieħor sabiex jitbattal l-ilma minn ġol-ġiebja minħabba li l-piż tal-ilma u t-tajn kien qiegħed jagħmilha diffiċli biex l-*excavator* tittella' mill-ilma. Ix-xhud żied jgħid li minn dak li seta' jikkonstata meta mar fuq is-sit, kien jidher li waqt li l-vittma kien qiegħed isuq l-*excavator,* ċediet l-art, bir-riżultat li dan baqa' jiżżerżaq u nqaleb għal ġol-ġiebja, li ma kellha l-ebda ilqugħ imdawwar magħha. Għad-domandi li sarulu in kontroeżami, ix-xhud qal li fil-ħin meta wasal fuq il-post, kienu diġà saru sforzi

[26] *A fol.* 117 tal-proċess.
[27] *A fol.* 118 u 119 tal-proċess.
[28] *A fol.* 123 tal-proċess.
[29] *A fol*. 124 *et seq.* tal-proċess.
[30] *A fol.* 156 tal-proċess.

biex l-ilma fil-ġiebja jitbattal, għalkemm il-vittma kien għadu fil-kabina. Qal li l-vittma nħareġ minn ġol-kabina quddiemu minn uffiċjali tal-Protezzjoni Ċivili.

Fl-udjenza tas-16 ta' Novembru, 2018 reġa' xehed **Charles Micallef**, uffiċjal tal-Awtorità għas-Saħħa u Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol.[31] Ix-xhud intalab jispjega x'miżuri ta' saħħa u sigurtà suppost li jkun hemm f'barrieri, u dan qal li jrid jiġi segwit l-Avviż Legali 379 tal-2003 li jimponi t-twettiq ta' *risk assessments* da parti tal-operatur tal-barriera, l-ħatra ta' uffiċjal inkarigat mill-ħarsien tas-saħħa u s-sigurtà, li jkun hemm dokumentazzjoni aġġornata dwar makkinarju, u faċilitajiet marbuta mal-*welfare* tal-ħaddiema. Ix-xhud kompla jgħid li fil-post fejn seħħ l-inċident kien hemm għadira kbira, fejn kien hemm iċ-ċamura li kienet qiegħda titnaddaf mill-vittma. Żied jgħid li fil-post kellu jkun hemm *barrier* protettiva ħalli jekk xi ħadd isuq lura, kif fil-fatt ġara, il-makkinarju ma jaqax fl-għadira. Qal ukoll li seta' kien hemm xi ħadd bħala *banksman* li jara l-vittma fejn kien sejjer, imma ma kienx hemm. Qal li dan kollu jammonta għal *safe system of work,* li għandha tkun hemm biex tipprevedi dawk il-miżuri li suppost wieħed ikollu biex jaħdem b'mod sigur. Qal li kieku sar *risk assessment* dawn il-miżuri kien ikun hemm provvediment għalihom. Żied jgħid li minn dan kollu ma kien hemm xejn, tant li l-vittma kien waħdu fil-ħin li fih seħħ l-inċident. Għad-domandi li sarulu in kontroeżami, ix-xhud qal li meta hu mar fuq il-post tal-inċident sab li l-gaffa kienet għelbet, u l-vittma kien diġà ttella' minn ġo fiha. Ix-xhud però ma kienx f'qagħda jgħid jekk il-magna tal-*excavator* kinitx għadha mixgħula xħin hu mar fuq il-post, jew inkella jekk il-vittma kienx miexi jew le meta għeleb għal isfel. Żied jgħid li meta wasal hu fuq is-sit hu ra l-gaffa maqluba fl-ilma, bil-*bucket* iħares lejn l-art, u l-kabina

[31] *A fol.* 172 tal-proċess.

kienet tliet kwarti mgħarrqa taħt l-ilma. Ix-xhud qal li fil-ħin meta wasal fuq is-sit, it-trakk li fih kien qiegħed jitbattal il-materjal li kien qiegħed jittella' mill-ġiebja, ma kienx għadu fuq il-post. Ix-xhud ma kienx jaf jekk meta l-vittma kien qiegħed itella' l-materjal mill-ġiebja, l-*excavator* kienx qiegħed iħares direttament lejn l-għadira jew inkella kienx imġenneb. Ix-xhud ikkonferma li l-liġi teżiġi li meta f'post tax-xogħol ikun hemm aktar minn ħamsa min-nies impjegati, irid isir *risk assessment* bil-miktub. Ix-xhud esebixxa kopja ta' ittra tat-18 ta' Marzu, 2009 mibgħuta mill-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol lis-soċjetà konvenuta[32], li permezz tagħha nġibdet l-attenzjoni ta' Paul Falzon bħala direttur ta' din il-barriera għall-obbligi li hu għandu fir-rigward tal-ħarsien tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema li jaħdmu fil-barriera tiegħu.

L-attriċi ppreżentat prospett tad-danni pretiżi mill-atturi in segwitu għal dawn il-proċeduri.[33]

**<u>Konsiderazzjonijiet legali</u>**

F'kawżi ta' din ix-xorta l-ewwel indaġni li trid ssir mill-Qorti hija li tistabbilixxi jekk is-soċjetà konvenuta għandhiex tinżamm responsabbli għall-inċident mertu tal-kawża, inkella għandhiex tinħeles mir-responsabbilità għal dak li ġara, u dan fid-dawl tal-fatt li għad li fl-aħħar udjenza li nżammet quddiem il-Qorti, is-soċjetà konvenuta ddikjarat li mingħajr ma tammetti r-responsabbiltà

[32] *A fol.* 185 tal-proċess.
[33] *A fol.* 196 tal-proċess.

għall-inċident mertu tal-kawża, hija lesta li tagħmel tajjeb għad-danni sofferti mill-atturi imma qed tikkontesta l-*quantum* tad-danni.[34]

Il-Qorti hija moralment konvinta li l-inċident mertu tal-kawża ma kienx iseħħ u l-konsegwenzi ma kinux ikunu daqstant traġiċi li kieku s-soċjetà konvenuta kienet in regola mar-rekwiżiti legali għall-ħarsien tas-saħħa u s-sigurtà tal-impjegati tagħha f'post tax-xogħol li joffri daqstant sfidi u perikli, bħalma huwa barriera. Il-Qorti semgħet diversi xhieda jagħtu l-verżjoni tagħhom dwar kif x'aktarx seħħet id-dinamika tal-inċident, fejn persuna spiċċa tilef ħajtu meta faga fil-ħama u ċ-ċamura li sab ruħu fihom meta għeleb bil-gaffa b'kollox f'ġiebja mdaqqsa li ma kellha ebda ilqugħ protettiv. Semgħet ukoll lil Charles Micallef, uffiċjal tal-Awtorità għas-Saħħa u Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol jixhed dwar id-diversi nuqqasijiet li rriżultawlu meta għamel spezzjoni tas-sit fejn seħħ l-inċident, u sab li f'dan il-post tax-xogħol ma kinitx qiegħda titħaddem *a safe system of work,* tant li l-vittma ta' dan l-inċident kien qiegħed jaħdem waħdu mingħajr assistenza ta' ħadd fil-ħin li fih seħħ l-inċident, ma kienx hemm *banksman* jassisti lill-vittma f'xogħlu, ma kien sar l-ebda *risk assessment* fir-rigward tar-riskji u l-isfidi li dan il-post tax-xogħol kien joffri għall-ħaddiema tiegħu. Agħar minn hekk, post daqstant perikoluż bħalma hi ġiebja kbira mimlija bl-ilma, tajn u ħama, tħalliet mikxufa u mingħajr ebda ilqugħ protettiv mad-dawra tagħha. Kienet tkun miżura ferm utili u li ma tiswa xejn f'termini ta' flus li kieku sar ħajt mill-istess ġebel li kien hemm fil-barriera, biex iservi ta' lqugħ u jipprevjeni inċident bħal dan milli jseħħ. Iżda minn dan kollu ma kien hemm xejn, bl-iżvintura li missier u kap ta'

[34] Ara l-verbal tas-seduta tat-28 ta' Jannar, 2019, *a fol.* 201 tal-proċess.

familja tilef ħajtu f'dawn iċ-ċirkostanzi wara li ħareġ għal ġurnata xogħol u naqas milli jirritorna lura d-dar.

Illi kif kellha l-okkażjoni tistabbilixxi din il-Qorti fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Philip Vassallo *vs* Malta Freeport Terminals**[35]:

> "... appena jiġi pattwit kuntratt ta' impjieg, jiskattaw l-effetti ta' bosta liġijiet li jħarsu lill-ħaddiem, fosthom ... dawk dwar is-sigurtà fuq il-post tax-xogħol. Għalkemm jiskattaw fil-kors ta' kuntratt ta' impjieg, dawn ir-regoli jistgħu jkunu fonti ta' danni extra-kuntrattwali jew delittwali, li jistgħu jkunu wkoll konkorrenti mad-danni kuntrattwali.
>
> Skont l-artikolu 1033 tal-Kodiċi Ċivili, "Kull min, bil-ħsieb jew mingħajr il-ħsieb li jagħmel deni, għax ikun irid jew b'nuqqas ta' diliġenza, ta' prudenza jew ta' ħsieb, jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa li biha jikser xi dmir impost mil-liġi, hu obbligat għall-ħlas tal-ħsara li tiġri minħabba f'hekk."
>
> Ir-regola ġenerali in tema extra-kuntrattwali, li ilha stabbilita fil-Kodiċi Ċivili hi li "kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li ssir bi ħtija tiegħu." (artikolu 1031). Ikun fi ħtija min ma jużax il-prudenza, id-diliġenza, u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja, iżda ħadd ma jwieġeb għal nuqqas ta' grad ikbar ta' diliġenza (artikolu 1032).
>
> Anki fil-qasam tax-xogħol, kwalsiasi azzjoni (pożittiva jew negattiva) jew forma ta' kondotta assunta trid tkun ippernjata fuq il-prudenza u d-diliġenza tal-bonus paterfamilias. Għandha tkun akkumpanjata wkoll minn dak il-buon sens li ż-żmien, il-mument u s-sitwazzjoni partikolari jkunu jirrikjedu jew ikunu jiddettaw. Din hija l-bażi preventiva li l-liġi tagħna tiġbor fiha u dan sabiex tbiegħed lill-persuna mill-ħsara, anke għal dak li jirrigwarda ħsara potenzjali.
>
> Illi l-ġurisprudenza Ingliża ukoll tagħraf li fil-każ ta' korriment fuq il-post tax-xogħol, huma applikabbli kemm il-kuntratt ta' impjieg kif ukoll il-liġi delittwali, billi dawn jirkbu fuq xulxin u fil-fatt illum il-ġurnata jista' jitqies li fil-kuntratt ta' impjieg hemm patt impliċitu li min iħaddem għandu jipprovdi post tax-xogħol sikur għall-ħaddiem:
>
> *'The relationship itself of employer and employee is necessarily based upon contract but it has been the subject of some controversy in the past whether the common law duties regarding the employee's safety, are contractual duties or lie*

[35] P.A., 21.03.2016.

*in tort. Because of the closeness of the relationship between employer and employee, as well as its very nature, there really can be no doubt today that a duty of care does arise under the general law of tort, as expressed in Donoghue vs Stevenson (1932 A.C. 562). In Davie vs New Merton Board Mills Ltd., (1959, A.C. 604) Viscount Simonds considered that, although liability primarily was to be regarded as having arise in tort, it could also be based on implied terms contained in the contract of employment.' – Charlesworth & Percy on Negligence (Ninth Edition, 1997).'*

Illi fil-qasam tas-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, fl-1 ta' Mejju, 2001 daħal fis-seħħ l-Att XXVII tas-sena 2000 (illum Kap. 424 tal-Liġijiet ta' Malta) li bena fuq il-liġijiet u regolamenti li diġà kien hemm qabel. Bis-saħħa ta' dan l-Att, ġie ippubblikat fost ħafna regolamenti oħrajn, l-Avviż Legali 36 tal-2003 imsejjaħ 'Regolamenti dwar Dispożizzjonijiet Ġenerali dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol', li huwa korp ta' regolamenti ta' importanza kbira fil-qasam tax-xogħol.

Illi l-Att imsemmi jikkodifika prinċipji u dmirijiet ġenerali li għandhom jirregolaw dan il-qasam u biex jenfasizza l-importanza tiegħu jistqarr li, 'Il-protezzjoni tas-saħħa u tas-sigurtà fuq il-postijiet tax-xogħol għandha titqies bħala materja ta' interess pubbliku.' (Artikolu 4(1)).

Illi l-Artikolu 4(2) jelenka dawn il-prinċipji ġenerali ta' prevenzjoni li fuqhom għandhom jiġu imfasslin il-miżuri li għandhom jittieħdu minn min iħaddem biex jevita dannu fiżiku u psikoloġiku, korriment jew mewt, fuq il-postijiet tax-xogħol:

i. Li jiġi evitat riskju;

ii. L-identifikazzjoni ta' perikli assoċjati max-xogħol;

iii. L-evalwazzjoni ta' dawk ir-riskji li ma jistgħux jiġu evitati;

iv. Il-kontroll mill-bidu ta' dawk ir-riskji li ma jistgħux jiġu evitati;

v. Li jittieħdu l-miżuri neċessarji kollha biex jirriduċu r-riskju kemm ikun raġonevolment prattiku, inkluż li jitbiddel dak li huwa perikoluż b'dak li ma jkunx perikoluż jew li jkun inqas perikoluż;

vi. Billi tingħata priorità lill-miżuri ta' protezzjoni kollettivi fuq miżuri ta' protezzjoni individwali;

vii. Li jiġi adattat ix-xogħol għall-ħaddiem, partikolarment għal dak li għandu x'jaqsam mal-iddisinjar ta' postijiet tax-xogħol, l-għażla ta' tagħmir tax-xogħol u l-għażla ta' metodi ta' produzzjoni u ta' xogħol, u partikolarment

sabiex jiġi mnaqqas xogħol monotonu u xogħol li jkollu rata ta' xogħol stabbilita minn qabel, u biex jitnaqqas l-effett tagħhom fuq is-saħħa;

viii. Billi wieħed jadatta ruħu għall-progress tekniku fl-interess tas-saħħa u tas-sigurtà fuq il-post tax-xogħol; u

ix. Billi tiġi żviluppata policy ta' prevenzjoni globali u loġika li tkopri t-teknoloġija, l-organizzazzjoni ta' xogħol, il-kundizzjonijiet ta' xogħol, ir-relazzjonijiet soċjali u l-influwenza ta' fatturi li għandhom x'jaqsmu mal-ambjent tal-post tax-xogħol."

Mill-provi prodotti jirriżulta b'mod ċar li l-ebda waħda minn dawn il-miżuri maħsuba biex joffru protezzjoni lill-ħaddiema ma ttieħdet mis-soċjetà konvenuta, u huwa proprju għalhekk li din il-Qorti qiegħda tiddikjara li s-soċjetà konvenuta għandha tinżamm unikament responsabbli għall-inċident mertu tal-kawża.

Jifdal għaldaqstant li jiġu likwidati d-danni sofferti mill-atturi konsegwenza tal-inċident traġiku mertu tal-kawża.

*Damnum emergens:*

L-atturi mhuma jressqu l-ebda pretensjoni għall-ħlas lilhom ta' danni attwali sofferti minnhom, tant li ma nġabet ebda prova ta' xi danni materjali li huma setgħu sofrew konsegwenza tal-inċident inkwistjoni.

*Lucrum cessans:*

F'sentenza fl-ismijiet **Emmeline Cini *vs.* Antione Cachia**[36], il-Qorti qalet:

[36] P.A., 18.02.2013.

> "Għalhekk il-Qorti għandha l-obbligu li teżamina t-telf ta' qligħ futur minħabba l-inkapaċità, it-telf ta' paga jew qligħ ieħor attwali li jinkorri fih id-danneġġjat; u dak it-telf ta' qligħ futur, ossia *lucrum cessans*, li d-danneġġjat ikun prekluż li jużufruwixxi minnu minħabba l-event sinistru kawża tal-għemil dirett tad-danneġġjant."

Fis-sistema legali tagħna il-kwantifikazzjoni tad-danni hija dejjem fid-diskrezzjoni tal-ġudikant, u għalkemm hi regolata minn ċerti prinċipji, dawn mhumiex assoluti. F'sentenza fl-ismijiet **Paul Debono *vs.* Malta Drydocks**[37], ġie stabbilit illi:

> "Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-riżarċiment hi ċertament fis-sistema legali tagħna spirata mir-regola stabbilita fl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Fir-rigward tal-*lucrum cessans* dan jinvolvi telf ta' qliegħ futur minħabba l-inkapaċità. Il-liġi imbagħad tħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti biex, valjati ċ-ċirkostanzi tal-każ, ix-xorta u grad ta' inkapaċità, u l-kondizzjoni tal-parti danneġġjata tistabbilixxi s-somma riżarċitorja. Innegabilment, però, il-metodu ta' din il-valutazzjoni tad-dannu lill-persuna minn dejjem ikkostitwiet il-problema l-aktar spinuża, kif hekk jirriżulta minn sempliċi raffront tad-diversi deċiżjonijiet in materja."

Huwa ben risaput ukoll li f'ċirkostanzi ta' mewt, il-grad ta' debilità sofferta mill-vittma hu meqjus li għandu jkun ta' 100%. Barra minn hekk bejn il-partijiet inqalgħet kwistjoni dwar kemm hija l-paga li abbażi tagħha din il-Qorti għandha taħdem il-*lucrum cessans* soffert mill-atturi, bis-soċjetà konvenuta tgħid li m'għandha tittieħed l-ebda konsiderazzjoni tal-*overtime* li kien jagħmel l-attur, li skont ma xehdu martu u wliedu kien jifforma parti sostanzjali mid-dħul ta' din il-familja. Hawnhekk il-Qorti tikkondividi l-istess ħsieb esspress f'deċiżjoni mogħtija fl-ismijiet **Louis Borg Falzon *vs.* Korporazzjoni Enemalta**[38], fejn intqal:

[37] P.A., 27.04.2005.
[38] 19.11.2013.

> "Il-Qorti hija sodisfatta wkoll li l-attur kien jinkrementa l-paga tiegħu bi dħul regolari mis-sahra fl-ammont ta' bejn LM1,000 u LM1,200 fis-sena. Kif spjegat ġia, ma taqbilx mat-teżi tal-attur li għandu jiġi rimborsat għat-telf effettiv daqs li kieku baqa' jaħdem l-*overtime* għaliex dan joħloq inġustizzja għall-konvenut. Min-naħa l-oħra, id-dħul regolari tiegħu kien jinkludi dħul mis-sahra, b'mod li kieku dan id-dħul kien jonqos, l-attur kien ikollu l-opportunità u l-għażla li jfittex impjieg ieħor b'kondizzjonijiet aħjar. Minħabba l-inċident, m'għadx għandu l-privileġġ u l-benefiċċju ta' din l-għażla u huwa kostrett li jibqa' fl-istess post tax-xogħol mijngħajr opportunitajiet ta' promozzjoni jew żieda sostantiva fid-dħul. Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti ma tara ebda raġuni għaliex m'għandhiex iżżid mal-*basic wage* tal-attur id-dħul li kien igawdi regolarment mill-*overtime."*

F'kull każ, il-Qorti qiegħda tikkonsidra d-dħul annwali tal-vittma bħala dak dikjarat fil-formoli tal-FS3 ppreżentati fl-atti ta' dan il-proċess għas-sena 2015[39], u dan minħabba li meta seħħ dan l-inċident, is-sena kienet waslet biex tintemm. Jirriżulta għalhekk li fis-sena 2015, id-dħul ta' missier l-atturi kien fl-ammont totali ta' €10,146.52 miż-żewġ postijiet tax-xogħol li ħadem fihom, filwaqt li minn dan l-ammont iridu jitnaqqsu l-kontribuzzjonijiet, sabiex b'hekk il-Qorti ser tkun qiegħda taħdem fuq dħul nett ta' €9,315.02. Dan id-dħul irid jiġi aġġustat sabiex jittieħed in konsiderazzjoni tal-effett tal-inflazzjoni għall-perijodu kollu tal-*multiplier* li ser tistabbilixxi din il-Qorti.[40] Dan ifisser li fuq medda ta' tmien snin, il-paga ta' Carmel Falzon kienet mistennija li tiżdied għal €10,030.41. Li kieku wieħed kellu jieħu l-medja fuq l-imsemmi perijodu, €9,315.02 + €10,030.41 / 2, is-salarju medju ta' Carmel Falzon kien mistenni li jkun fl-ammont ta' €9,672.72.

[39] *A fol.* 129 u 139 tal-proċess.

[40] F'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-16.03.2004 fl-ismijiet **Joseph Galea *vs.* Charles Fenech pro et noe**, il-Qorti rriteniet illi: "Meta d-danni jirrappreżentaw kumpens għal telf futur, il-Qorti trid tieħu in konsiderazzjoni l-effetti li l-inflazzjoni jkollha fuq l-introjtu perċepit fid-data tal-inċident proġettat fuq firxa ta' snin magħżula bħala l-*multiplier."* Bħala rata ta' inflazzjoni annwali qed tittieħed ir-rata ta' 0.96%, ir-rata medja tal-inflazzjoni f'dawn l-aħħar 5 snin skont l-Uffiċju Nazzjonali tal-Istatistika.

Mill-banda l-oħra s-soċjetà konvenuta fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha tgħid illi:

> "*a fol.* 122 l-esponenti ddikjarat li ma kinitx qed tikkontesta l-paga tad-decujus ta' madwar €1,100 fix-xahar (kif kkonfermat fl-affidavit ta' Grace Falzon *fol.* 17). Dwar dan jingħad li dan huwa ammont gross u għalhekk fid-dawl tal-premess, jekk wieħed inaqqas taxxi, NI u jżid 7.6% (għall-għoli tal-ħajja), dan iwwassal għall-figura ta' ċirka €12,500 li hija l-figura li ser jadottaw l-esponenti."

Fi kwalunkwe każ ġaladarba ċ-ċifra ta' €12,500, li ġiet adottata mis-soċjetà konvenuta, hija ogħla miċ-ċifra li tirriżulta mill-FS3s ta' Carmel Falzon, il-Qorti ser timxi fuq iċ-ċifra ta' €12,500 abbażi ta' liema sejra tagħmel il-komputazzjoni tagħha tad-danni bħala *lucrum cessans*.

F'każ pjuttost riċenti fl-ismijiet **Joseph Zammit *vs.* Joseph Bonello**[41], il-Qorti stabbiliet is-segwenti prinċipji li għandhom jirregolaw il-ħsieb tal-ġudikant meta jiġi biex jillikwida d-danni li għandhom jitħallsu f'ċirkostanzi simili bħal ta' dan il-każ:

> "Illi tali regoli ġew supplimentati u interpretati bil-prinċipji stabbiliti fil-kawża ewlenija '**Michael Butler vs Peter Christopher Heard**' (Appell, 22.12.1967), li tat l-oriġini għall-hekk imsejħa *multiplier system*, li però ġiet aġġustata għaż-żminijiet riċenti peress li, kif intqal fil-kawża '**Salvatore Mifsud vs Carlo Camilleri et'**, (Appell, 16.11.1983) 'iċ-ċirkostanzi tal-ħajja anke fil-gżira tagħna nbidlu konsiderevolment u l-ammonti qegħdin isiru fuq kriterji ferm differenti minn dawk li kienu jsiru għaxar snin jew għoxrin sena ilu.' Għalhekk, il-Qrati tagħna rritenew li għandhom id-diskrezzjoni li jkunu aktar flessibbli o meno rigorużi fl-applikazzjoni tal-linji gwida stabbiliti f'Butler vs Heard. Hekk ġie ritenut li għandhom jużaw 'l-arbitriju prudenzjali tal-Qorti, fil-limiti stabbiliti mil-liġi – '**Savona vs Asphar**', Appell, 23.06.1952); u li 'għandu jintuża bħala bażi wkoll f'dan il-każ bid-differenza li n-numru ta' snin għandu jittieħed għas-snin kollha tal-ħajja lavorattiva tal-korrut' (**Emmanuel Mizzi vs Carmel Attard**, 13.05.2003), u li 'dejjem għandu jkun hemm ċertu elastiċità ta' kriterji billi l-pronunzjament fil-likwidazzjoni in kwistjoni huwa

[41] P.A., 25.02.2016.

wieħed ta' probabilità. Inoltre d-danneġġjat jingħata somma kapitali darba waħda biss, meta tingħata b'sentenza mhijiex aktar soġġetta għal ebda reviżjoni. Għalhekk, din is-somma kapitali trid tkun tikkorrispondi kemm jista' jkun mar-realtà' (**Francis Sultana vs John Micallef et noe et**, Appell, 20.07.1994)."

Element diskrezzjonali u li jagħti lok għal diverġenzi fl-iffissar tal-kumpens dovut f'każijiet ta' din ix-xorta, huwa l-element tal-*multiplier,* li fis-sentenza fl-ismijiet **Paul Vassallo et noe *vs.* Carmelo Pace**[42] ġie stabbilit li hu:

"In-numru ta' snin adottat bħala *multiplier* m'għandux ikun ibbażat fuq l-aspettattiva tal-ħajja in ġenerali tad-danneġġjat iżda fuq l-aspettattiva tal-ħajja lavorattiva tiegħu u għalhekk jittieħdu in kunsiderazzjoni ċ-*chances and changes of life*.

...

Minbarra dan il-bixra ta' ħsieb wara sentenzi ta' dawn l-aħħar snin f'dan il-qasam qiegħda xxaqleb lejn it-tneħħija ta' skemi riġidi li jistgħu jfixklu l-għoti ta' kumpens mistħoqq u xieraq għaċ-ċirkostanzi. Waħda minn dawn l-iżviluppi hija fil-massimu tal-*multiplier,* fejn għal numru kbir ta' snin ma tqiesx li seta' jaqbeż l-għoxrin (20). Għar-raġunijiet li l-Qorti għandha tfittex qabel kull ħaġa oħra li tirreintegra kemm jista' jkun lil dak li jkun ġarrab ħsara, u li terġa' tqiegħed lil tali persuna kemm jista' jkun fl-istat li kien qabel l-inċident. Illum huwa aċċettat u approvat mill-ogħla Qrati tagħna li l-*multiplier* ikun jaqbel sewwa mal-età tal-vittma u mhux ma' kriterji arbitrarji."

Fis-snin riċenti l-Qrati tagħna adottaw linja gwida dwar kemm għandu jkun il-*multiplier* massimu tenut kont l-età tal-individwu, u f'każ ta' persuna li fiż-żmien tal-inċident ikollha l-età ta' tlieta u ħamsin (53) sena, ġie stabbilit li l-*multiplier* adottat għandu jkun ta' 8.

F'kawżi fejn si tratta minn talba għal-likwidazzjoni tad-danni minħabba f'mewt, il-Qrati tagħha spiss iqisu l-fattur tal-grad ta' dipendenza li l-atturi fil-kawża jkollhom fir-relazzjoni tagħhom mal-vittma tal-inċident, b'mod li

[42] Q.A., 05.03.1986.

tinħoloq differenza bejn sitwazzjoni fejn il-persuna li titlef ħajjitha tkun il-kap ta' familja, li minnu jkun jiddependi l-għajxien tal-familja tiegħu, u sitwazzjoni fejn min jitlef ħajtu b'mod traġiku jkun wild jew xi membru ieħor tal-familja. F'dan il-każ, il-Qorti tħoss li għandha tagħmel riferiment għas-sentenza fl-ismijiet **Turner et vs Agius et**[43] fejn intqal:

> "Għall-finijiet tal-prinċipju tad-dependency hemm differenza fejn si tratta ta' mewt ta' kap ta' familja, li minnu din tkun qiegħda tiddependi direttament, għal xi sitwazzjoni oħra fejn invece għaż-żamma u għixien tagħha si tratta ta' membru ieħor ta' familja li qiegħda tgħix fi ħdanha u li fin-normalità tal-ħajja l-probabbilità tkun li din tieħu l-istat tagħha jew tmur tgħix għal rasha.
>
> L-awturi Kemp & Kemp fil-ktieb magħruf tagħhom*, 'The Quantum of Damages',* jgħidu: *Each case of course must depend on its particular facts but there is one factor common to most cases where a deceased son was unmarried and had been contributing quite a substantial sum to his parent or parents. That factor is the possibility or even the probability that if he had not died he would some day have married and in consequence his contribution to his parents would have ceased or become much smaller.*
>
> ...
>
> L-istess jista' jingħad għal dak li jirrigwarda l-**<u>konsum personali</u>**. Ir-realtà tal-ħajja hija li wieħed jonfoq il-maġġior parti tad-dħul tiegħu. Ta' min joħroġ id-distinzjoni bejn il-mewt (ekwiparata għal diżabilità totali) u d-diżabilità ta' 100% (eż – min jiġi ridott għal ħajja f'*wheelchair* b'telf assolut tal-fakoltà mentali). Fil-liġi, il-kwantifikazzjoni tad-danni m'għandhiex tkun ta' konsolazzjoni ta' flus. Il-kwantifikazzjoni trid tħares lejn dak li jitlef min jiġi 'l quddiem u javvanza pretensjoni."

F'din il-kawża, il-Qorti mhi ser talloka l-ebda tnaqqis marbut mal-grad ta' dipendenza tal-atturi fil-konfront tal-vittma u dan minħabba li l-vittma kien il-kap tal-familja u għalhekk il-grad ta' dipendenza tal-persuni li qegħdin jivvantaw pretensjonijiet f'din il-kawża hu wieħed mill-aktar b'saħħtu. Fir-

[43] Q.A. 28.11.2003.

rigward ta' tnaqqis minħabba fil-konsum personali il-Qorti sejra tnaqqas l-ammont ta' 25%.

Dwar tnaqqis minħabba l-fatt li l-ammont ta' danni ser jitħallas f'darba, intqal hekk f'sentenza fl-ismijiet **Jos Agius *vs* All Services Ltd**[44]:

> "F'każijiet kongruwi, soltu li jsir tnaqqis ieħor ta' 20% għall-fatt li jkun ser ikun hemm ħlas f'daqqa (*lump sum payment)* lill-benefiċjarji. Jekk id-deċiżjoni, però, tkun ser tingħata wara tul ta' ċertu żmien, hi l-prattika li l-persentaġġ ta' tnaqqis jonqos, u hi konsewetudini tal-Qrati, li jekk kawża ddum aktar minn sentejn il-persentaġġ jonqos b'żewġ punti għal kull sena oħra li l-kawża ddum biex tiġi deċiża."

Għalhekk is-somma kif likwidata bħala *lucrum cessans* hija: €12,500 x 8 (*multiplier*) = €100,000 x 100 % minħabba mewt = €100,000 - 25% (konsum personali) = €75,000 - 20% (*lump sum payment*) = €60,000 (sittin elf Euro).

<u>**Decide**</u>

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

1. **Tiddikjara s-soċjetà konvenuta unikament responsabbli għall-inċident li seħħ fid-19 ta' Diċembru 2015 ġewwa l-barriera proprjetà tagħha 'Hard Stone Quarry' numru 32, 15, Misraħ Suffara, limiti tar-Rabat u li fih tilef ħajtu Carmel Falzon;**

[44] P.A., 02.06.2005.

2. **Tillikwida d-danni kollha sofferti mill-atturi fis-somma ta' sittin elf, Euro (€60,000);**

3. **Tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas lill-atturi l-ammont ta' danni hekk likwidati.**

**Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali mid-9 ta' Marzu, 2017, id-data tal-ittra uffiċjali numru 977/17, sad-data tal-ħlas effettiv, kontra s-soċjetà konvenuta.**

Moqrija.